# Sebastiano Paoli u Raħal Ġdid fil-Bidu tas-Seklu Tmintax





Minn Dr. Simon Mercieca

L-isem, Casal Paula, nsibuh imsemmi fil-ktieb li kien ġie ppubblikat ġewwa l-Italja, eżattament fil-belt tal-Lucca fl-1737 mill-qassis Sebastiano Paoli. Paoli kiteb ktieb bl-isem ta' *Codice Diplomatico del Sacro Militare Ordine Gerosolimitano oggi di Malta*. Kif jixhed ismu, dan kien ktieb li fih kellu ġabra ta' dokumenti li jikkonċernaw lill-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann u lil Malta. F'dan, il-ktieb Paoli jitkellem dwar Raħal Ġdid u jagħti tagħrif dwaru kif kien madwar is-sena 1737.

Sebastiano Paoli kien qassis li twieled f'belt ġewwa l-Italja magħrufa bħala Villa Basilica fil-provinċja ta' Lucca fl-1684. Hu studja Napli u sar wieħed mill-litterati l-aktar importanti tal-ewwel nofs tas-seklu tmintax. Fost il-ħafna kotba li kiteb kien hemm din il-ġabra ta' dokumenti li jappartjenu għall-Ordni tal-Kavalieri ta' Malta. F'dan il-ktieb, Paoli jagħti anki l-istorja ta' Malta fil-qosor. Hu jagħti taqsima ġeografika. Fiha kiteb l-istorja ta' numru ta' bliet u rħula f'Malta u f'Għawdex. Fost il-postijiet li Paoli kiteb dwarhom hemm il-lokalità ta' Raħal Ġdid. Hu kiteb dwar din il-lokalità ta' Raħal Ġdid f'pagna 516. Dwar Raħal Ġdid qal hekk:

*Paula, Casale fabbricato dal Gran Maestro di questo nome, e dipendente del Feudo della Marsa. I censi, che ricavano dalle case, e da' Giardini loro annessi, sono applicati alla Chiesa di S. Ubaldesca, eretta da lui nello stesso Casale, di cui ne abbiamo menzione in un Diploma del nostro Codice (b). Nello Spirituale soggiace alla Parrochia di Castello Tarscien, e nella milizia al Capitano di S. Caterina.*

jew

*Pawla, raħal mibni mill-Gran Mastru li jġib dan l-isem, u jiddipendi mill-fewdu tal-Marsa. Iċ-ċnus li jiddaħħlu mill-djar u mill-gonna maqgħuda magħhom, jmorru għall-knisja ta' Santa Ubaldeska, imwaqqfa minnu f'dan l-istess raħal, li ġa semmejnieh qabel f'diploma tal-Codice tagħna. Fil-qasam spiritwali, jaqa' taħt il-parrocca tal-Kastell Tarxien u għall-milizzja jaqa' taħt il-kaptan ta' Santa Katerina.*



NUM. CCLXXXXIV.

*Bolla del Papa, con la quale concede al Gran Maestro Fr. Antonio di Paula, poter edificare una Chiesa in onore di S. Ubaldesca, Religiosa dell' Ordine Gerosolimitano, con la facoltà di presentare il Rettore, & altre prerogative.*

URbanus Episcopus Servus Servorum Dei. Ad futuram rei memoriam. Ex debito Pastoralis officii, meritis licet imparibus, fidei nostræ divina dispositione crediti, ad ea, per quæ beneficia Ecclesiastica propagari, & divinus cultus augeri valeat, libenter intendimus; ac personis quibuslibet, facultates ad id pie & liberaliter erogantibus, eorum-

An. 1629.

Arch. Melit. Bullar. Orig. num. 41.

Paoli jagħti tagħrif interessanti. F'dik li hija kitba storika, il-lokalità ta' Paola hija waħda mill-postijiet li tkellem dwarhom Paoli u kiteb fid-dettall dwarha. Biss Paoli jirreferi għaliha bħala *casale* jew raħal anki jekk fil-ktieb tiegħu, huwa jippubblika d-dokument li bih din il-lokalità kienet ingħatat it-titlu ta' belt mill-istess Gran Mastru De Paule. Hawn qed nirreferi għall-bolla tal-Papa Urbanu VIII li biha waqqaf il-knisja ta' Santa Ubaldeska u permezz tagħha rrikonoxxa li din il-lokalità kienet ġiet mogħtija t-titlu ta' belt mill-istess Gran Mastru De Paule. Hu kien semmieha Belt Paola. Din il-bolla tinsab f'pagna 309 tal-ktieb tiegħu. Biss jidher li dan it-titlu ma kienx ġie wżat aktar wara l-mewt tal-istess Gran Mastru de Paule u għalhekk, Paoli rrefera għal din il-lokalità bil-mod li baqgħet magħrufa man-nies – bħala *casale*. Biss dwar dan id-dokument u titlu, nikteb darba oħra.

Capitanato di S. Caterina
S. Caterina
Paula.

Capitanato della Gudia
Gudia
Farrugi
Luca
Tarſcien
Zabbar
Aſciach.

F'din il-kitba, Paoli jagħmel referenza għall-ġonon kbar li kien hemm f'Raħal Ġdid u d-dħul kollu miċ-ċnus kien imur għall-manteniment tal-knisja ta' Santa Ubaldeska. Dan hu dettall magħruf. Fuq kollox, din mhix l-unika referenza li Paoli għamel għall-Raħal Ġdid fil-ktieb tiegħu. Paoli jagħti dettalji ġodda dwar l-istorja ta' Raħal Ġdid. L-ewwel jgħid li Raħal Ġdid kien spiritwalment soġġett għall-parroċċa ta' Ħal Tarxien. Dan hu fatt magħruf. Dak li hu interessanti hawn hu li Ħal Tarxien kien qed ikun riferut bħala *castello* Tarxien. X'ried jgħid biha din il-kelma *castello*, mhux magħruf. Dak li hu żgur hu li fi żmien l-Għarab fil-parti ta' lokalità ta' Ħal Tarxien, eżattament iż-żona magħrufa bħala Wara l-Bjut kien hemm torri, imsejjaħ *borg* u dan spiċċa tradott bħala *rocca* li fit-Taljan tfisser fortizza. Qiegħed Sebastiano Paoli jirreferi hawn għal dan il-fatt meta jsejjaħ lil din il-lokalità *castello*? Jidher li dan it-torri kien sar sinominu mal-inħawi jew aħjar ir-raħal ta' Ħal Tarxien.

Imbagħad hemm dettall ieħor f'dan il-ktieb li ma konniex nafu bih. Hu jitkellem dwar il-kapitanat. In-nies li kienu joqogħdu f'Raħal Ġdid ma kienux mitqiesha bħala parti mill-istess milizzja li kienu jagħmlu minnha l-irġiel ta' Ħal Tarxien. Iż-żewġ lokalitajiet kienu jaqgħu taħt milizzji differenti. Paola kienet mitqiesha separatament minn Ħal Tarxien. L-irġiel ta' Raħal Ġdid kienu jaqgħu taħt il-kaptan tal-post li Paoli jsejjaħlu San Katerina. Hawn kien qed jirreferi għall-kapitanat taż-Żejtun. Ir-raħal taż-Żejtun kien magħruf f'dik il-ħabta bħala r-Raħal ta' Santa Katerina.

B'hekk waqt li f'dik li kienet amministrazzjoni reliġjuża, Raħal Ġdid kien jaqa' taħt Ħal Tarxien, f'dik li kienet amministrazzjoni ċivili kien jaqa' taħt iż-Żejtun. Ir-residenti ta' Ħal Tarxien ma kienux jagħmlu parti mal-gwarniġjon jew l-amministrazzjoni taż-Żejtun iżda dik tal-Gudja.

PAULA, Caſale, fabbricato dal Gran Maeſtro di queſto nome, e dipendente dal Feudo della Marza. I cenſi, che ſi ricavano dalle Caſe, e da' Giardini loro anneſſi, ſono applicati alla Chieſa di S. Ubaldeſca, eretta da lui nello ſteſſo Caſale, di cui ne abbiamo menzione in un Diploma del noſtro Codice (*b*). Nello Spirituale ſoggiace alla Parrocchia di Caſtello *Tarſcien*, e nella milizia al Capitano di *S. Caterina*.

F'parti oħra tal-ktieb, Paoli jitkellem dwar dawk li fis-seklu tmintax kienu jissejħu *Capitanati*. Il-*Capitano della Gudja* kif kien jissejjaħ kellu taħtu l-irħula tal-Gudja, Ħal Farruġ, Ħal Luqa, Ħal Tarxien u Ħal Għaxaq.

Min-naħa l-oħra, il-*Capitanato* taż-Żejtun kien fih biss ir-raħal taż-Żejtun u Paola. Il-*Capitanato* taż-Żejtun kien jissejjaħ bħal *Capitanato di S. Caterina*. Dan it-tagħrif insibuh f'pagna 520. Dwar dan il-*capitanato*, Paoli jitkellem fid-dettall. Infatti meta jitkellem fuq iż-Żejtun, hu jitkellem biss dwar dan il-*capitanato* u ma jagħti l-ebda tagħrif ieħor. Sal-bidu tas-Seklu tmintax, dan il-*Capitanato* taż-Żejtun kien l-aktar wieħed magħruf u rispettabbli f'dik il-ħabta. Meta Paoli jitkellem dwar dan il-*Capitanato*, jagħti anki l-ismijiet Medjovali tal-irħula li kienu jaqgħu taħtu, jiġifieri l-irħula ta' Bisqallin u Bisbut li spiċċaw jiffurmaw iż-Żejtun. Imbagħad wara li jiddeskrivi li dawn iż-żewġ irħula, li kienet tgħaqqadhom il-knisja ta' Santa Katerina, jgħaddi biex jagħti tagħrif storiku marbut mal-Assedju l-Kbir tal-1565. Hu jgħid li fi żmien l-Assedju, il-gwarniġjon ta' dan ir-raħal kien immexxi minn Fra. Federico Caccia minn Novara. Dan il-kavalier, flimkien mas-suldati tiegħu, mexxa l-ewwel ġlieda diretta tal-kavallieri kontra t-Torok wara li dawn kienu niżlu l-art fl-21 ta' Mejju 1565. Minħabba din il-ġlieda, dan il-gwarniġjon baqa' magħruf u msemmi fl-istorja u kien l-aktar gwarniġjon popolari u rispettat, f'termini storiċi, fost il-gwarniġjuni kollha li kien hemm f'Malta f'dik il-ħabta.


CODICE
DIPLOMATICO
DEL SACRO MILITARE ORDINE
GEROSOLIMITANO
OGGI
DI MALTA,
RACCOLTO DA VARJ DOCUMENTI DI QUELL' ARCHIVIO,
Per fervire alla Storia dello fteffo Ordine
IN RODI ED IN MALTA,
E ILLUSTRATO
CON UNA SERIE CRONOLOGICA
DE' GRAN MAESTRI,
Che lo governarono in quei tempi,
Con alcune Notizie Geografiche, ed altre Offervazioni.
IN LUCCA, MDCCXXXVII.
PER SALVATORE E GIANDOMENICO MARESCANDOLI,
CON LICENZA DE' SUPERIORI.

B'hekk din il-kitba ta' Sebastiano Paoli turi l-importanza ta' din il-lokalità ta' Raħal Ġdid għal Malta tas-seklu tmintax. Anki jekk f'dik il-ħabta, din il-lokalità ma kienetx għadha parroċċa, xorta waħda kellha l-identità ġeografika u kulturali tagħha li kienet tiddistingwiha minn lokalitajiet oħra.